MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 395/2009

**Avviz Numru 395/09CSH**

**Elfrida Farrugia**
**Vs**
**Dr. Mark Busuttil Kuratur Deputat sabiex jirrapresenta lill-assenti Dorothy Mercer u b'digriet moghti fil-verbal tal-10 ta' Marzu 2010 Dr. Mark Busuttil gie sostitwit bl-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores.**

**Il-Qorti:**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici nhar id-dsatax (19) t'Ottubru, 2009 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut

ihallasha is-somma ta' sitt elef tmien mija wiehed u ghoxrin Euro u hamsa u sittin centesmu ( €6,821.65) rappresentanti din is-somma kera u arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma dovuti mill-konvenuta lill-attrici b'konessjoni

mal-kera tal-fond numru 7, Washingtonia Court, Pioneer Road, Bugibba ghall-perijodu bejn l-ewwel ta' Jannar 2008 u Settembru tas-sena korrenti 2009 u dana ai termini ta' skrittura datata erbgha ta' Jannar 2007 hekk kif sussegwentement estiza u emendata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru datat 29 ta' Settembru 2009 u bl-imghax legali sal jum ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut kuratur deputat l-Avukat Dr. Mark Busuttil fejn ecepixxa bir-rispett is-segwenti:-

*1. Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u ghalhekk qed jirriserva d-dritt li jipprezenta risposta motivata fi stadju ulterjuri*

*2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-rikors ta' Dr. Renzo Porsella Flores datat tmintax ta' Jannar 2010 fejn ippremetta li huwa kien gie mahtur bhala kuratur deputat fl-atti tal-mandat ta'sekwestru kawtelatorju 2956/09 mahluf mill-attrici kontra l-assenti Dorothy Mercer, u talab ghalhekk li din il-Qorti thassar il-hatra ta' Dr. Mark Busuttil f'din il-kawza u twettaq il-hatra tieghu gja mahtur biex jidher ghall-konvenuta assenti. Rat id-digriet taghha fejn ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-attrici.

Rat ir-risposta taghha kif presentata fl-atti nhar il-hamsa ta'Marzu 2009 fejn irremettiet ruhha ghar-rigward it-talba ghas-sostituzzjoni tal-kuratur b'dana illi m'ghandhux jithallas dritt darbtejn izda dritt uniku lill-kuratur li jigi konfermat. Rat id-digriet taghha tal-ghaxra ta' Marzu 2010 fejn akkordat it-talba u ssostitwiet lill-kuratur Dr. Mark Busuttil bil-kuratur Dr. Renzo Porsella Flores.

Rat ir-risposta tal-kuratur Dr. Renzo Porsella Flores kif prezentata fl-atti nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Marzu 2010

fejn ecepixxa li huwa ma jafx il-fatti li wasslu ghall-kawza u rriserva d-dritt li jressaq twegiba ohra aktar ‘l quddiem.

Semghet lil **Perit Martin Farrugia** jixhed fis-seduta tad-29 ta’ Marzu 2010 fejn ikkonferma li huwa jigi bin l-attrici u li kien hu li ha hsieb li jikri l-fond numru 7 Washingtonia Court, Pioneer Road, Bugibba lil certa Dorothy Mercer, u dan skond il-fethim li huwa esebixxa u li hu markat bhala Dok CSH. Spjega li din bdiet tokkupa l-fond f’Jannar 2007 u li l-ahhar ricevuta ta’ kera li din hallset kienet datata Jannar 2009. Huwa esebixxa kopja ta’ din l-ahhar ricevuta li giet markata bhala Dok CSH1. Jghid li sussegentement hija telqet mill-post u ma hallsitx aktar il-kera u lanqas id-dawl u l-ilma. Huwa esebixxa rendikont li kien baghat lilha li gie markat bhala Dok CSH2.

Wara ftit sar jaf li s-sinjura Mercer kienet ser titlaq minn Malta u minkejja divesi weghdiet da parti taghha li kienet ser thallas l-arretrati ta’ kera u l-kontijiet li kellha, hija m’ghamlet xejn minn dan. Sar jaf li kienet qed tnehhi l-affarijiet taghha mill-flat mikri lilha u ghalhekk kien ghamel mandat ta’ Qbid fuq il-*container* sabiex ma jitlaqx minn Malta. Sussegwentement kien ircieva *cheque* minghandha ghall-ammont intier, li kopja tieghu tinsab esebita u mmarkata bhala Dok CSH3. Izda wara gie nfurmat li kien hemm mandat ta’ sekwestru fuq il-kont taghha, mahrug minn terza persuna, u ghalhekk dan ic-*cheque* ma ssarrafx u huwa baqa’ b’xejn. Ikkonferma wkoll li kien ircieva ittra ta’ skuza minghandha, kif jirrizulta mid-dokument CSH3, pero’ xorta wahda ma thallasx ta’ dak mitlub minnu fl-avviz.

Illi l-konvenut nomine ma ressaq l-ebda prova u ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata biss bix-xhieda tal-Perit Martin Farrugia li fl-ebda hin ma giet kontestata. Anzi jirrizulta mid-dokumenti esebiti li dak li stqarr il-perit huwa minnu, u cioe’ li l-konvenuta hija debitrici tal-attrici fis-somma indikata fl-avviz kif *del resto* jirrizulta anke mic-*cheque* li harget il-konvenuta, l-assenti Mercer. Tirrizulta wkoll l-ammissjoni taghha ghal dan id-debitu fl-ittra miktuba minnha, li kopja taghha tinsab esebita fl-atti .

Issa hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (Vol**.XL1X p11 p 776**). Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol.XXXV11 p1 p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV p 111 p 604; <u>Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe</u>**, Appell ,28 ta' Jannar 2000).

Naturalment is-socjeta' attrici li tallega d-debitu ghandha fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa jimpera l-principju '*actor non probante reus absolvitur'.*

Kif gie ritenut fis-sentenza mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar is-26 ta' Jannar 1976 fl-ismijiet **<u>Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Porteli noe</u>** **"***Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hu jista' jaghmel b'kull mezz billi l-produzzjoni ta' ricevuta mhiex dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti."*

Mhemmx dubbju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq is-socjeta attrici mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hi qed tallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fl-ismijiet **<u>Manuel zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri</u>** u konfermat fis-sentenza moghtija mil-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri per Onor. Imhallef Philip Sciberras) nhar id-19 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **<u>Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace</u>** **'***F'kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor reus in excipiendo fit actor, ghax jerga' jinghad***,** *l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

Issa f'dan il-kaz l-attrici pprovat li hija kreditrici tal-konvenuta assenti fis-somma indikata fir-rikors promotur u dan billi resqet lil binha, l-Perit Martin Farrugia jixhed u jikkonferma li l-konvenuta ma hallsitx l-ammont dovut minnha. Jirrizulta mill-atti li fil-fatt l-istess konvenuta accettat li hija kreditrici tal-attrici u dan ghaliex hija ittentat taghmel il-pagament dovut minnha permezz ta' cekk mahrug mill-Bank of Valletta nhar is-6 ta' ottubru 2009 ghas-somma mitluba, pero' dan ic-cekk skond l-attrici ma ssarafx. Illi l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkontesta din ix-xhieda u l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ghalhekk ma temminhiex, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti t-talba attrici hija gustifikata.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li qed tilqa' t-talba attrici filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ndikata fir-rikors promotur u cioe' s-somma ta' sitt elef tmien mija wiehed u ghoxrin Euro u hamsa u sittin centezmu (€6,821.65).**

**Il-konvenuta ghandha wkoll thallas lill-attrici l-ispejjez tal-kawza u tal-mandati u l-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------